Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 166/2004

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance Plc, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurata taghhom Office Electronics Limited u l-istess Office Electronics Limited f'isimha proprju**

**Vs**

**Emmanuela Chircop**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' Lm360.00c (tlett mija u sittin lira Maltin) rapprezentanti danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura EAH 639 assigurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' l-Office Electronics Limited u dan b'rizultat ta' habta li grat fis-7 t'April 2003 go Birkirkara, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura CBE 118 habtet mal-vettura EAH 639 ta' l-Office Electronics Limited u misjuqa minn Karl Briffa, u


Qrati tal-Gustizzja

ghal liema incident l-konvenuta kienet unikament responsabbli.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tad-9 t'Ottubru 2003 u tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Novembru 2003, u bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) fuq Lm360.00c (tlett mija u sittin lira Maltin) mid-9 t'Ottubru 2003, sal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 2004 kontra GasanMamo Insurance Agency Limited, rikjesta mill-ligi, assiguraturi tal-konvenuta, u nkluz Lm15.00c (hmistax-il lira Maltin) konsult, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------